# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

17 ta' Mejju, 2022

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.48 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Joseph Bajada – Kunsillier

**ASSENTI**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 40

40.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 39 – 9;
40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
40.5 Komunikazzjoni;
40.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2021 (*audited*);
40.7 Measure 4 – Rejuvenating Gozo;
40.8 Avvenimenti marbuta mall-Festa, Tiġrija, Permessi, eċċ;
40.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
40.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti Nru. 5/2022;
40.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

40.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Joseph Bajada nfurmaħ permezz tat-telefown li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa peress li ma kienx jiflaħ. Il-Kunsillier Bajada qal li għandu jippreżenta ċertifikat mediku li se jkun mehmuż ma dawn il-Minuti.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 39 – 9

40.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 39 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

40.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita li kif wieħed jista jara qed jieħu dehra differenti, fejn il-każini bdew jitpoġġew l-U section għas-service culvert minn fejn se jgħaddu s-servizzi kollha. F'dan diġa niżel il-cable tad-dawl fejn l-Inġnier tal-EneMalta kien on site, dan il-cable mhux se jkun qed jintuża għal issa biex ma jkun hemm l-ebda periklu għal ħaddiema li qed jaħdmu fuq is-sit imbgħad meta jinżlu l-U sections kollha dan ikun jista jibda jiffunzjona. Beda ukoll l-iskavar ta' wara l-knisja fi Triq Dun Xand Aquilina biex isir shifting ta' cables oħrajn fejn f'din in-naħa mhux se jitpoġġew U sections imma se jsir culvert apposta għal dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li fl-isqaq tal-MUSEUM fi Triq Xamgħan irid isir shallow culvert dan peress li minn dan l-isqaq għaddejin ħafna cables, anzi dan huwa ppakjat bis-servizzi u għalhekk ikun għaqli li jsir dan is-shallow culvert biex b'hekk is-servizzi jgħaddu kollha minn dan biex b'hekk ukoll meta jkun hemm xi ħsara mhux kull darba jitqatta il-wiċċ ta' triq imma jinfetaħ dan il-culvert apparti li jkun hemm anqas ħin mitluf biex jinsab is-servizz/cable. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jinforma lill-MGOZ fejn nispjegaw dan kollu. Il-Kuntrattur ġie mitlub jippreżenta 2 kwotazzjonijiet għal dimmable light fixtures ta' mall-faċċata tal-knisja dan peresss li l-SCH qed joġġezzjonaw li d-dawl mhux se jkun dimmable minħabba l-estetika tal-Knisja. Is-Sindku qal li hu talab lil SCH biex dan jingħatalna bil-miktub peress li fil-BOQ il-Kunsill ma talabx hekk peress li ma kienx jaf x'se jitolbu huma u b'hekk ikun hemm ġustifikazzjoni għal ħlas għal dan peress li l-MGOZ qed joħroġ dan il-finanzjament ta dan il-proġett. Is-Sindku qal li kull ġimgħa qed isiru project progress meetings biex b'hekk ma jkunx hemm dewmien fix-xogħolijiet u jkun hemm aktar kordinament. Is-Sindku qal li saru rapporti apposta fuq ġewwa d-djar fil-pjazza dan peress li sar tqattiegħ bis-siga fil-blat qiebes tal-pjazza għal culvert biex b'hekk jekk ikun hemm xi ħsara f'xi djar il-Kunsill ikollu evidenzi minn qabel dan peress li kien hemm diga xi ħsarat f'xi djar minn fejn għadda s-service culvert u sar it-tqattieħ fil-blat. Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu qed jitlob lill-Kuntrattur is-samples tal-materjal. Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill preżenta id-drawings tal-estensjoni tas-service culvert fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri u ta' Triq Xamgħan flimkien mal-istimi tal-BOQ's. Il-Perit talab il-qisien tal-lava gutters u l-lokazzjonijiet tagħhom. Is-Sindku qal li l-Project Manager informa li l-Achaelogical Monitor qed ikun preżenti waqt l-eskavazzjonijiet. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis fl-10

il-Kunsill ghandu laqgha online mall-ERA dwar is-siġar tal-Oleander li hemm fil-pjazza dan peress li l-ERA qed tgħid li dawn is-siġar huma f'saħħithom iżda l-kwistjoni kollha hi fuq is-simitrija tas-siġar, dan peress li għandek siġar xjuħ u kollha susa oħrajn li ż-zkuk huma mqaċtin u perikolużi u oħrajn siġar żgħar. Dawn is-siġar jistgħu jinqalghu u jiġu rilokati fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus. Jekk jitħawlu siġar ġodda dawn se jkunu ta l-istess daqs u għamla u se jkunu ikkurati kif mistħoqq. Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri jekk interessati. L-Inġinier tal-WSC propona li l-pipe tal-ilma ikun ta' 150mm dijametru quddiem kull dar fit-triq u dak ta' 76mm biex jissuplixxi lil kull dar. WSC għandhom jippreżentaw stima finali. Dwar il-belisha lights għal Triq Sannat dawn ma humiex inklużi fl-offerta tal-proġett. Il-Kunsill għandu jinforma lil MGOZ dwar il-kisi ta' wiċċ it-triq ta' Sqaq ta' Xamgħan u Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri biex jsir kuntratt għal dan ix-xogħol. Dwar l-isem Ta' Sannat fl-entratura tal-lokal l-Kunsill għandu jara għal fondi u joħroġ offerta. Is-Sindku qal li dawn il-project progress meetings qed isir kull nhar ta' Erbgħa u għada 18 ta' Mejju jmiss laqgħa oħra.

40.3.2 Is-Sindku qal li kif kien spjega fil-laqgħat il-proġett tal-pjazza Santa Margerita se jiġi ffinanzjat mill-MGOZ. Il-Kunsill irċieva kontijiet li dawn diġa ntbagħatu lid-Direttur tal-EcoGozo u l-ewwel iridu jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-ħlasijiet huma dovuti lil:
Perit Edward Scerri għal 30% tat-total servizz professjonali fuq ix-xogħolijiet tal-Pjazza €22625.44
Perit Edward Scerri għal rimbors ta' applikazzjoni mall-PA taz-zuntier ta' Pjazza Santa Margerita €2100.40
Gatt Tarmac Ltd għal eskavazzjoni, ftuħ u egħluq ta' shelter €1649.05
Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. għal Consultancy – Decorative lighting system u CCTV system u preparazzjoni tal-offerti. €5055.12
Med IR Ltd. Consultancy – Decorative lighting system 3D model and preparation of light simulation report €4602.00
AIS Archaeology għal Archaeological monitoring Frar u Marzu 2022 €1033.68
Ing Christian Cordini għal servizz ta' Project Manager Frar, Marzu u April 2022 €3780.00

40.3.3 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet fir-rigward tal-proġett tal-pjazza. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri. Is-Sindku semma l-issue ta' Health and Safety huwa importanti ħafna li ma jitħalliex periklu u b'dan il-kuntrattur infurmat. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Kunsill għandu joħroġ sejħa għal dan il-għan biex b'hekk il-Kunsill ikollu uffiċċjal.

40.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2022 saret laqgħa apposta mall-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku fejn il-Kunsill kien qed jiġi nfurmat li l-iscammel fi Triq Dun Xand Aquilina minn meta ġiet magħluqa għat-traffiku l-kuntrattur ma kienx qed jiġbor l-iskart bieb bieb. Għal dan il-għan il-Kunsill tkellem mall-kuntrattur fejn il-quddiem meta jitlestew ix-xogħolijiet fuq din in-naħa se jiġri l-istess fi Triq Ta' Ċenċ il-parti t'isfel fejn ġie maqbul li dan ix-xogħol il-kuntrattur għandu jipprovdi servizz ta' truck bi ħlas extra ta' €10 kull ġurnata biex l-iskart jinġabar kollu. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

40.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ssa li l-istaġun tas-sajf reġa magħna l-Kunsill għandu jipprovdi s-servizz tal-ġbir ta' skart domestiku dak tal-borża s-sewda kull nhar ta' Sibt. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jibda mill-ewwel Sibt ta' Ġunju u jispiċċa nhar is-Sibt 15 ta' Ottubru 2022. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jibgħat avviż lir-residenti dwar dan is-servizz.

40.3.6 Is-Sindku qal li mill-bieraħ mall-Kunsill ġiet ngaġġatta cleaner fil-bini amministrattiv minn tal-CWSEF. Fil-bidu ta' Ġunju se jkollna cleaner oħra ngaġġata mall-Kunsill u dawn apparti li se jkunu qed inadfu fil-bini tal-Kunsill, il-Kunsill se jkun qed jutillizahom ukoll fil-latrini pubbliċi meta dawk il-ħaddiema jkunu bil-vacation leave jew sick leave b'hekk waħda minn dawn

tagħmel dan ix-xogħol. Il-Kuntratturi li kienu qed jgħamlu dan ix-xogħol ġew infurmati u l-kuntratti tagħhom se jiġu tterminati fl-aħħar ta’ Mejju 2022.

40.3.7 Is-Sindku qal li l-electrician mar fuq il-post fil-Ġnien tal-Bidwi u qed jissuġġerixxi li l-cameras li hemm jinbidlu u jsiru 2 ġodda fuq kanna mall-kamra li hemm u l-wiring li hemm spiċċuti mxerda madwar il-ġnien jitneħħew darba għal dejjem u b’hekk ix-xogħol tal-ħart eċċ. eċċ jkun jista jsir aktar faċilment. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-moħriet nxtara u l-ħaddiem assenjat għal dan ix-xogħol diġa beda jaħrat dan il-ġnien.

40.3.9 Is-Sindku qal li f’isem il-Kunsill irid jirringrazzja lis-sezzjoni tal-mastrudaxxi fi ħdan il-MGOZ fejn ġie rrestawrat il-karrettun li jinsab fil-Ġnien tal-Bidwi dan bil-kundizzjoni li jekk ikun hemm il-ħtieġa jiġi misluf f’Awwissu għall-wirja tradizzjonali w annwali ta’ Santa Marija dik li ssir fil-Villa Rundle. Il-Kunsill għandu jsib lil xi ħadd kapaċi biex isir id-dberfil fuq dan il-karettun biex jiġi komplut. Il-Kunsill għandu jgħamel talba lil MGOZ biex il-canopy li hemm fuq dan il-karettun tiġi msaqfa biex nevitaw ħsara li tista ssir fuq dan il-karrettun mill-elementi naturali. Is-Sindku qal li l-ħaddiema assenjati f’dan il-ġnien talbu li jitħawlu xi fjuri staġjonali biex dan il-ġnien jieħu dehra isbaħ. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier Tewma staqsa jekk il-cctv cameras humiex bil-pannelli. Is-Sindku wieġeb li le bid-dawl.

40.3.10 Is-Sindku qal li xi ħaġa oħra pożittiva dan l-aħħar ġie assenjat ħaddiem ġdid mill-MGOZ li dan se jkun qed jieħu ħsieb l-ispazju miftuħ u l-ġnien fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus inkluż dik iż-żona u l-Kunsill għandu jara x’għodda għandu bżonn. Dan se jkun qed jgħamel xogħolijiet ta’ indafa u manutensjoni.

40.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ssa li bdiet is-sħana, l-Kunsill talab Kuntrattur biex tibda ssir it-tisqija tas-soft areas. Dan beda mill-aħħar ġimgħa ta’ April. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.3.12 Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-Beaches fi ħdan il-MGOZ talbu biex bħas-snin l-imgħoddija tinxtara ż-żebgħa biex tinżebaħ l-għamara u l-ħitan fil-bajja ta’ Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma dan.

40.3.13 Is-Sindku nforma li bħal fis-snin l-imgħoddija l-Kunsill għandu jerġa jibda jipprovdi s-servizz ta’ transport għal Ta’ Pinu kull nhar ta’ Erbgħa. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz jitħallas kollu kemm hu mill-Kunsill u b’hekk jingħata b’xejn lir-residenti.

40.3.14 Is-Sindku qal li l-Animal Stewart infurmah li l-Kunsill irid jirreġistra l-Cat Feeders biex ikunu jistgħu jiġbru l-ikel u biex isiru xi cat houses madwar il-lokalita’. Il-Kunsill għandu jara x’għandu jgħamel biex dan isir.

40.3.15 Is-Sindku qal li l-playing field fi Triq Marżiena għandu jiġi mgħammar b’għamara ġdida, huwa minnu li l-Kunsill għadu proġett ambizjuż biss biex isir dan għad hemm ħafna xogħol xi jsir. Hu qal li l-equipment li hemm huwa qadim u hemm minhu li hu ta periklu għalhekk hu qed jissuġġerixxi li dan jinbidel. Il-Kunsill qabel li għandu jara x’jista jsir biex dan jinbidel.

40.3.16 Il-Kunsill Lokali Kalkara se jorganizza ħarġa kulturali fil-gżira Għawdxija nhar l-Erbgħa 15 ta’ Ġunju 2022 peress li dawn magħna għandhom patt ta’ ħbiberija u hija x-xewqa tagħhom li jiġu jżuruna. Il-Kunsill qabel li ssir quddiesa u wara jiefqu jieħdu kafe fil-każin tal-banda.

40.3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 27 ta’ Mejju ser issir laqgħa mall-Community Policing fid-9.00 a.m. Is-Sindku qal li waħda mill-issues li l-Kunsill għadu jaffaċċja hija li

residenti qed jilmentaw li qed jitpoġġew xi laned biex ma jsirx parkeġġ fi triq u dan irid jinqata darba għal dejjem.

40.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-offerta SNTLC02/2022 Supply and Delivery of an electric van, il-Kuntrattur infurmana li din għanda tasal għal nofs Awwissu.

40.3.19 Is-Sindku qal li se jiġi organizzat tournament tal-boċċi mis-Sannat Lions F.C. u talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jikollabora.

40.3.20 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt ic-champions league li ser issir is-Sibt ta' ħmistax oħra Sannat Lions F.C. flimkien mal-Għaqda tan-nar se jorganizzaw attivita u talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex ikun hemm projector u sound fejn ser issir fil-grawnd tal-football. Il-Kunsill qabel li jħallas il-kiri tal-projector u sound.

## 40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

40.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

40.4.2 Il-Kunsillier Steven Gauci qal li t-toroq li huma touristic areas f'Ta' Sannat reġa hemm triq waħda Triq il-Kbira, dan wara li fi snin preċedenti l-Kunsill talab għal oħrajn. Is-Sindku talab li ssir laqgħa mall-Ministru tat-Turiżmu Clayton Bartolo u c-CEO tal-MTA dwar dan. Il-Kunsill talab li ssir ukoll laqgħa mall-GTA.

40.4.3 Is-Sindku qal li xi ħaġa oħra nteressanti hi li dwar il-Proġett tal-Pompa tal-Ilma fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini l-Kunsill ġie avviċinat mid-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-MGOZ fejn il-Kunsill informa li l-Kunsill għandu kollox preparat dwar dan il-proġett ovvjament trid tiġi aġġornata l-BOQ ta dan il-proġett. Is-Sindku qal li din kienet wedgħa fil-kampanja elettorali tal-Gvern. Il-Kunsill għandu jiġi nfurmat b'dan mill-MGOZ, is-Sindku qal li dan mertu għal Ministru għal Għawdex.

## 40.5 Komunikazzjoni

40.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/4/2022 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2022/2023 Offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/5/2022 – Finanzjament għal xogholijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandu japplika.
Ċirkulari Numru 5/2022 – Kjarifiċi dwar il-Ftehim Kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi

40.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
11 ta' April 2022 – Save the Date – LCA Plenary
13 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/040 – Project Development and Writing Training (EU Funds)
14 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/041 – Press Call – Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali nuqqas ta' tqassim ta' boroż b' xejn lir-residenti sabiex jintużaw għas-separazzjoni tal-iskart. Is-Sindku qal li dan hemm kuntratt mall-Kunsill u li dan mhux qed jiġi onorat.

18 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/042 – Assemblea Generali Annwali 2022 – Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani
18 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/043 – MG2i – MCAST courses for residents
22 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/044 – Free collection of organic waste from commercial establishments
25 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/045 – Verifikazzjoni ta' logbooks
26 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/046 – L-Onorarja tas-Sindki
28 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/047 – Binjiet mixgħula bl-aħmar – 14 ta' Ġunju – Il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm. Il-Kunsill qabel li jixgħel b'aħmar il-Kalkara tal-Ġir
28 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/048 – Public Speaking and Speechwriting workshop – 19.05.2022 – Salini Hotel
02 ta' Mejju 2022 – Cir AKL 2022/049 – Social Media and Digital Marketing – Malta and Gozo Session

40.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejl mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li din ġiet ċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Din kienet dwar:
14 ta' April 2022 – INVITATION – Greening the Island Observatory Meetings
14 ta' April 2022 – Re Laqgħa – Il-futur tal-Bereġ fil-Lokalita'
19 ta' April 2022 – Re Konverżjoni ta' Community Clinics fil-Lokalita'
21 ta' April 2022 – STEDINA: 125 Anniversarju u l-Ewwel Espożizzjoni fil-Gozo Conference & Expo Centre
03 ta' Mejju 2022 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 108 nhar it-Tnejn, 9 ta' Mejju, 2022 fis-6.30p.m.
11 ta' Mejju 2022 – Re Ħatra tal-Ambaxxaturi mil-Lokalita'
11 ta' Mejju 2022 – Re Skema Reġjonali – Ambjent 2022

40.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li biex il-Ministeru għal Għawdex ikun jista jgħaddi l-pagamenti għas-servizzi tal-Archaeological Monitor u tal-Project Manager tal-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita dawn l-ewwel iridu jiġu approvati mill-Kunsill skond il-kuntratt biex b'hekk l-MGOZ jgħaddi l-pagamenti dan peress li l-Kunsill qed jamministra dan il-proġett. Ma dawn hemm kontijiet oħra. Is-Sindku qal li b'hekk ikun hemm trasparenza sħiħa.

## 40.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2021 (*audited*)

40.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li r-Rapport Finanżjarju Annwali 2021 ġie awditjat u ffinalizzat u għalhekk ġie preżentat lill-Kunsill biex dan jiġi approvat. Il-Kunsill approva dan ir-rapport bi qbil unanimu.

## 40.7 Measure 4 – Rejuvenating Gozo

40.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill mill-applikazzjoni lura f'April 2021 minn fondi ewropej permezz tal-Gozo Action Group Foundation Leader programme minn Miżura 4 Rejuvenating Gozo - Improve the attractiveness of living in Gozo for the young persons and young families (Second call) fejn il-Kunsill kien applika flimkien mas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita u OIDFA (Malta) il-Kunsill ġie nfurmat li din l-applikazzjoni issa ġiet milqugħa. L-ammont ta' din il-grant huwa ta' €81944.20. Il-Kunsill aċċetta li dan ix-xogħol għadu nteressat li jiġi mplimentat u qed jistenna li jiġi ffirmat il-kuntratt għal dawn il-fondi biex ikun jista joħroġ l-offerti meħtieġa. Is-Sindku talab li ssir laqgħa ma dawn l-entitajiet.

## 40.8 Avvenimenti marbuta mall-Festa, Tiġrija, Permessi, eċċ

40.8.1 Is-Sindku qal li qed noqorbu għax-xahar ta' Lulju fejn tiġi ċċelebrata l-festa ta' Santa Margerita wara stennija ta' sentejn minħabba l-pandemija tal-Covid-19 il-Kunsill għandu jaħseb biex tiġi organizzata t-tiġrija tradizzjonali. Il-Kunsill għandu japplika mill-fondi tal-MGOZ. Is-Sindku qed jissuġġerixxi biex isir bħal pre festa biex isiru avvenimenti ta' bands mill-għaqdiet biex b'hekk jorganizzaw tip ta' fund raising. Il-Kunsillier Tewma ġibed l-attenzjoni biex ninkludu ukoll l-folk, is-Sindku qal li avvenimenti folkloristiċi jiġu organizzati fix-xahar ta' Settembru jew Ottubru. Is-Sindku qal li jixiteq li jsir Beer Festival it-tip tal-Wine Fesitval li sar fejn kien hemm ħafna kummenti posittivi minn dawk li attendew. Is-Sindku qal li dwar it-tiġrija l-Kunsill irid jaħseb għal insurance, nitkellmu ma Transport Malta u l-Korp tal-Pulizija din se tkun wara assenza ta' tlett snin. Il-Kunsill għandu jaħseb biex isir patching fi Triq it-Tabib Anton Tabone, issir talba lil Head tal-iskola biex isir stand fl-iskola, first aid fuq barra u ġewwa, kiri ta' mobile toilets, security u barriers. Is-Sindku ssuġġerrixxa biex il-Kunsill jinvesti f'barriers. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġerriment.

40.8.2 Dwar il-permessi tal-kiosks fil-festa, s-Sindku talab biex il-Kunsill joħroġ bi proposta fejn se jiġu stazzjonati.

## 40.9 Ilmenti u Suġġerimenti

40.9.1 B'referenza għall-ilment numru 13/2022, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li ssir bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

40.9.2 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward ħofor kbar u perikolużi fi Triq ta' Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System*.

40.9.3 Il-Kunsill irċieva ilmenti rigward żewġ mirja maqlugħa, waħda fi Triq Ta' Ċenċ faċċata ta' Sqaq Dun Nastas u l-oħra fi Triq tal-Gruwa kantuniera ma Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dawn ġew irranġati.

40.9.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna rigward festival li se jsir f' Mġarr ix-Xini fl-20 ta' Awwissu 2022. Huwa qal li diġa qraw l-bye-law rigward l-attivitajiet ta' barra fil-lokalita' ta' Sannat. Huwa qal li qed jistennew ta' l-inqas 500 persuna u se jħallu kollox kif ikunu sabuh. Huwa staqsa x'hemm bżonn li jsir aktar biex dan jsir. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa apposta mall-organizzaturi.

40.9.5 B'referenza għall-ilment numru 14/2022, residenta minn Triq Qortina qed tilmenta li qed jitħalla ż-żibel ta' kuljum (mal-ħadida li hemm apposta għaż-żibel) fl-istess triq kantuniera ma' Triq l-10 t'Ottubru fil-ġranet kollha tal-ġimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-uffiċċju nforma lill-Kuntrattur dwar dan.

40.9.6 B'referenza għall-ilment numru 15/2022, il-Kunsillier Steven Gauci talab li jsiru double yellow lines fi Triq Pisoniano. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Transport Malta.

40.9.7 Ħaddiem tal-Kunsill innota tabella tal-iBins mirwija, fi Triq Bebunaq. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din ġiet ordnata waħda ġdida u ġiet mibdula.

40.9.8 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Falkun fejn ilmenta rigward double yellow line li hemm f'din it-triq. Huwa talab spjegazzjoni għalfejn dan qiegħed hemm u jekk dan għandux permess biex ikun hemm. Il-Kunsill għandu jitlob lil Transport Malta dwar dan.

40.9.9 B' referenza għall-ilment numru 16/2022, resident li joqgħod fi Sqaq fi Triq Dun Luqa, staqsa jekk huwiex possibbli li l-wiċċ tal-isqaq jingħata qoxra ġdida. Qed jitlob li jsir dan peress li l-wiċċ eżistenti huwa ta' concrete antik u mkisser li jżomm ħafna trab. Huwa talab ukoll li dan l-isqaq jitnaddaf u jinħasel sakemm tittieħed deċiżjoni. Il-Kunsill talab ritratti dwar dan l-ilment.

40.9.10 Il-Kunsill irċieva ilment rigward mera miksura fi Triq Marsilja kantuniera ma Triq ix-Xabbata. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din ġiet mibdula.

40.9.11 B' referenza għall-ilment numru 17/2022, resident ilmenta li fi Triq Bardan hemm xi vetturi u dgħajjes li qed jingombraw it-triq u għandhom il-liċenżja tat-triq skaduta. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Pulizija dwar dan l-ilment.

40.9.12 Il-Viċi Sindku qalet li ġibdulha l-attenzjoni li fi Pjazzetta tax-Xelina ma hemmx garbage bin. Is-Sindku qal li hemm hekk kien hemm iżda s-sid ta' fejn kien hemm ma riditux. Il-Kunsill qabel li jiġi nstallat wieħed żgħir fejn hemm il-bus stop u li ma tantx ikun jgħati fil-għajn.

## 40.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2022

40.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 5/2022 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 40.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

40.11.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.25 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 16 ta' Ġunju, 2022

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |